# *Tas-Sliema ta' Żminijiet Oħra*

Tony Terribile

Din is-sena l-Parroċċa ta' Stella Maris qegħda tfakkar għeluq il-125 sena mit-twaqqif tagħha bħala l-ewwel parroċċa Sliemiża. Kienet is-sena 1878 meta seħħet din il-ġrajja importanti fl-istorja ta' tas-Sliema.

Kif wieħed jista' jaħseb f'dawk iż-żminijiet tas-Sliema kienet għal kollox differenti min kif nafuha aħna.

Minn fuq l-art, biex wieħed jasal mill-Belt għal tas-Sliema kien jaqbad it-triq tax-Xatt imbagħad kien hemm diversi mogħdijiet fir-raba' li dawn kienu jwasslu fl-inħawi fejn illum insibu Triq il-Kbira u fejn fl-imgħoddi kienet inbniet il-knisja tal-Madonna tal-Grazzja u aktar tard il-knisja parrokkjali ta' Stella Maris.

Min-naħa ta' Birkirkara wieħed kien jasal mill-inħawi ta' Triq l-Imrabat u jidħol fil-qasam tar-raba ta' Rudolfo, li dawn kienu jwasslu wkoll għal l-inħawi ta' Triq il-Kbira ta' llum.

Minn wara il-knisja tal-Kunċizzjoni ta' l-Imsida, kien hemm imbagħad mogħdija imserrpa li kienet twassal sa' fuq it-truf tal-qasam ta' Rudolfo, magħrufa hekk għax kienu propjetà ta' l-avukat Rudolfo Cesare Vassallo.

Maż-żmien beda tiela il-bini, fl-inħawi ta' Triq il-Kbira madwar il-knisja ta' Sidtna Marija Kewkba tal-Baħar. Fost l-ewlenin insibu li ġew iffurmati Triq San Pawl, San Pietru, Katidral, San Publju u l-inħawi ta' madwar, il-bqija kien kullimkien raba.

In-nies li kienu jgħixu f'dawn l-ewlenin toroq u kif ukoll fl-irziezet tar-raba, iffurmaw l-ewwel Parroċċa Sliemiża.

B'xorti tajba waqt li f'tas-Sliema kien qiegħed isir dan l-iżvilupp ġie Malta, Gerolamo Gianni, pittur minn Napli. Dan kien jispeċjalizza fil-pittura tal-pitturi u fetaħ ħanut fil-Belt Valletta fejn sab suq tajjeb.

Meta tas-Sliema żviluppat sew, ħalla l-Belt u ġie joqgħod tas-Sliema.

Milqut mis-sbuħija tal-baħar li kien idawwar lil tas-Sliema flimkien mar-raba ta' l-inħawi, hu pitter għadd ta' xeni ta' tas-Sliema ta' dawk iż-żminijiet.

Illum dawn il-kwadri jinsabu f'mużewijiet differenti u f'kollezzjonijiet differenti. Dawn jiswew mitqlu deheb.

Ftit snin ilu il-Fondazzjoni Patrimonju Malti organizzat wirja ta' dan l-artist u għalhekk ħarġu għadd ta' kwadri b'tema Sliemiża, illum stampati fil-katalgu ta' dik il-wirja.



Ritratt li juri kif kienet il-knisja ta' Stella Maris fl-1878.

**Dehriet tax-Xatt**

L-ewwel kwadru kien juri ix-Xatt faċċata ta' Manoel Island. Id-dawra tax-Xatt kienet kollha kemm hi imdawra b'għadd ta' kantuni li dawn baqgħu hemm sa' madwar erbgħin senu ilu. Imbagħad ix-Xatt kien kollu għelieqi bil-ħitan tas-sejjieħ, bis-siġar tal-bajtar tax-xewk u tal-ħarrub, u l-isfel qrib il-baħar kien hemm ukoll razzett.

Il-kwadru l-ieħor kien juri ix-xena impittra minn fuq għolja fejn illum insibu il-lukanda Savoy.

Il-Gżira kienet għadha kollha kemm hi għelieqi, u l-pont li jgħaqqad din il-biċċa art mal-gżira Manoel kien ta' l-injam filwaqt li Rue D'Argens kienet biss mogħdija bil-ħitan tas-sejjieħ u bis-siġar tal-bajtar tax-xewk u hawnhekk il-pittur daħħal ukoll xi bdiewa.

Kwadru ieħor kien juri lil tas-Sliema. Dan tpitter fis-sena 1872. Din is-sena tidher fuq il-kwadru.

Dan il-kwadru jtina ix-xena fejn illum insibu l-Magic Kiosk u Bisazza Street. Fuq il-lemin tidher il-ponta ta' Manoel Island u x-Xatt hu ffurmat biss minn għelieqi, ċnut, ħitan tas-sejjieħ u siġar differenti, l-aktar tal-bajtar tax-xewk u tal-ħarrub.

Hu kwadru li fih tinħass ħafna paċi u serenità.

**Dehriet ta'Għar id-Dud**

Ta' l-istess sena kien il-kwadru li kien juri Villa Sliema. Din kienet fl-inħawi ta' Qui Si Sana. F'din il-villa għal numru twil ta' snin kien joqgħod il-Kaptan Hughes Hallet.

Permezz ta' dan il-kwadru sirna nafu li din kienet villa kbira b'żewġ sulari mibnija fuq numru ta' kolonni. Mad-dawra tagħha kellha ġnien kbir b'ħafna siġar. Kellha wkoll terrazzin mill-isbaħ.

Biex wieħed jidħol f'din il-villa fuq ix-xellug tidher arkata tal-ġebel u fuq quddiem tidher speċi ta' rampa li din kienet tintuża għaż-żwiemel tal-karrozzella.

Villa Sliema kienet imdawra b'għadd ta' balavostri u gastri tal-ġebel.

Fl-1876 Gerolamo Gianni pitter żewġ xeni oħra Sliemiżi. L-ewwel wieħed kien juri x-xena li llum wieħed jaqbad meta jkun fil-pitch tal-waterpolo bi Qui Si Sana faċċata bla ebda bini, jiġifieri kullimkien blat għeri u fin-nofs tidher sew Villa Sliema imbagħad fil-lemin għandna d-dehra ta' l-għar li għadu hemm sa' llum flimkien mal-blat li fuqu imbagħad fl-ewwel snin tas-seklu l-ieħor imbena ix-Chalet. Il-pittur żejjen dan il-kwadru bl-ilwien sbieħ tal-baħar qawwi filwaqt li fil-ponta poġġa sajjied.

Fl-1877 Gerolamo Gianni tana d-dehra tal-baħar li jdawwar Għar id-Dud. Din ix-xena pittirha minn fuq it-terrazzin ta' Villa Sliema ta' Qui Si Sana. Il-panorama hi mill-isbaħ, imżewqa bil-blat u bil-baħar u b'xi dgħajjes 'l hawn u 'l hinn.

Il-fortizza kienet għadha mhix mibnija iżda diġà kien hemm xi bini li llum twaqqa`.

**Il-Forti Tigne**

L-aħħar kwadru li tana Gerolamo Gianni b'tema Sliemiża kien juri l-inħawi ta' Tigne. Il-pittur ta ħafna importanza lil Forti u għamilha fin-nofs tal-kwadru u l-baħar ta' quddiemu pittru qawwi kemm hu hekk fil-kitba ta' taħt kien hemm miktub li dik kienet Grigalata fil-ponta ta' Tigne.

Dawn kienu xi kwadri li serqu l-attenzjoni tiegħi f'din il-wirja. Kien hemm bosta oħrajn, iżda bħala Sliemiż, lili laqtuni aktar għaliex tawna xeni ta' tas-Sliema kif kienet meta fl-1878, twieldet il-Parroċċa ta' Stella Maris.

Tas-Sliema
25 ta' Lulju 2003